# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**122.** | **31 ta' DICEMBRU 1910.** | **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarġet b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## FLORESVILLE.

Billi f'xi articoli ta' kabel ta'n-«Naħla» semmejt chemm il darba dina il belt ta'l America u bosta stakseŭni xi aħbarijiet fukha billi tħajjru li jmorru jgħixu fiha, jiena tchellimt ma'l ħabib intelligenti tiegħi Louis Galea li ma ilux chiteb fuk l-istess ħaġa articolu sabiħ tasseŭ f'il «*Gazzetta di Malta*» u li Floresville għandu bħala Cappillan ta' hemm il zijuh Dun Pietru Paŭl Zarb fejn ilu tnax il sena sħaħ u għandu ucoll il ħuħ u l-oħtu, u dana is-Sur Galea tani ħafna daŭl fuk dic il belt li jiena sejjer ingibu haŭn għal daŭc collha li ma tafx chif jistgħu jcollhom bżonnu.

Nibdeŭ mela biex naraŭ xi trid tagħmel u chemm trid tonfok biex tasal hemm.

* * *

Biex tasal minn Malta sa dina il belt li tieħu isimha m'il fjuri li tant jicbru sbiħ fiha, (*flores* b'il latin tfisser *fjuri* u *ville* b'il franciż tfisser *belt*, mela *Floresville* ma tfisserx ħlief il *belt ta'l fjuri*) trid xi għoxrin ġurnata billi kabel trid tmur f'New York u minn hemm tieħu vapur ieħor li jdur ma'l plajja biex ijŭasslec f'il port ta' Galveston u minn haŭn trid tieħu il vapur-ta'l-art biex ijŭasslec fi Floresville li hi xi mija u sebgħin mil bogħod minn Galveston, igifieri mi'l baħar. Min ijmur terza minn haŭn sa Gibiltà jbati xi ftit għaliex ma jcollux cabina fejn jorkod iżda minn Gibiltà sa New York ijcollu il cumdità collha billi il vjaġġ jagħmlu fuk vapuri m'il cbar li imbneŭ apposta għal l-emigranti.

Il prezz biex tasal (terza) jlaħħak b'collox xi tlittax il-lira ir-ras. Jecc ŭieħed ijmur minn Anversa dritt għal Galveston biex jiffranca it-trasbord ta' New York ma jonfokx anqas u jdum sejjer tista tgħid l-istess.

* * *

Ŭaħda m'il ħŭejjeġ li cull min jitħajjar li jmur hemm għandu jati cas tagħha ħafna hu il mard-ta'l-għajnejn imsejjaħ *tracoma*, għaliex fuku huma fitti ŭisk, u dan l-aħħar il ŭieħed malti li chien sejjer għal Floresville żammeŭh f'Gibiltà għaliex it-tabib ta' hemm sablu għajnejh m'hux imfejjka għal collox m'it-*tracoma* għad li it-tabib ta' Malta kallu li ma għandu xejn. Mela cull min għandu għajnejh imniġġża b'dina il marda jeŭ hu immancat b'xi marda oħra għandu jkisha darbtejn kabel jitlak u biex ijcun jaf liema huma il mardijiet collha li ma jħalluhx jidħol biħom jista jistaksih lill Conslu American jeŭ xi darba ingibuhom aħna f'in-«Naħla.»

* * *

Jecc ŭieħed ijrid ijmur fi Floresville biex jaħdem b'il ġurnata ma' ħadd ieħor, aħjar jakta jiesu għaliex ijbati ħafna u ma tantx ijħallsuh tajjeb. Għal dan hi aħjar ŭisk il Californja jeŭ Malta ta' Montana. Fi Floresville jakbillu jmur biss minn għandu xi ħaġa ta'l flus għaliex biha jista jixtri raba tajjeb u b'irħis (xi ukija it-tomna) li meta jaħdmu jroddlu il mija għal cull ŭieħed. Barra m'il ispejjes ta'l vjaġġ min ijmur hemm jaħtieġ li jcollu għallanqas mitt lira f'butu biex biha jibni dar ta'l injam fejn jokgħod, jixtri rokgħa raba ġmielha u tajjba, jixtri il bhejjem għall'ħidma u iż-żrieragħ u jcun jista jgħix minn geŭŭa għal sitt xhur sa jibda jroddlu ir-raba. Għal dac li hu xiri ta' raba, għodod, żrieragħ u ħŭejjeġ oħra meħ

tieġa hemm agenti apposta bħal ma hemm agenti biex jibnulec id-dar b'il cumditajjiet li tinħtieġ u barra minn dan il Cappillan malti ta' hemm li semmejna, Dun Pietru Paŭl Zarb, li billi ilu hemm tnax il sena jaf il pajjis seŭŭa u ma jgħalltu ħadd, chiteb li hu imħejji biex jati cull għajnuna u cull daŭl lil daŭc il Maltin collha li jmorru b'il flus f'buthom biex jixtru ir-raba u jaħdmuh.

* * *

Jecc il mitt lira tingabar bejn sitta jeŭ tmienja ma jimpurtax għaliex għal l-eŭŭel jistgħu jgħammru f'dar ŭaħda u jaħdmu b'għodda u bhejjem ŭaħda u għal dakstant jecc jiltakgħu sitta biex ijmorru jaħdmu flimchien hemm, meta jiġbru TLIETIN LIRA CULL ŬIEĦED jistgħu jmorru għaliex b'mija u tmienin lira jħallsu il passaġġi sa jaslu u jifdlilhom ħielsa il mitt lira biex jixtru dac li għidna. Jecc ijcunu tmienja ma jridux actar minn ħamsa u għoxrin lira cull ŭieħed li ma hix somma li bosta m'il bdieŭa tagħna ma jistgħux jilħkuha. Meta imbagħad jibdgħu jieħdu l-uċuħ u jbigħuhom bi prezzijiet tajjba ħafna, jibdgħu jaksmu ucoll bejniethom il kliegħ li minnu cullŭieħed ijcun jista jixtri raba għalih u jibni daru u jitgħammar b'il bhejjem tiegħu u jitlak għall rasu u jcattar gidu. Mela Floresville hi tajjba biss biex jemigraŭ fiha daŭc li għandhom xi erba ħabbiet imħarrba li ma jridux ijcomplu jokogħdu jnakkruhom ħaŭn iżda li jridu jmorru f'pajjis fejn jistgħu jħaddmuhom b'mod li jcattruhom b'il bosta u fi żmien kasir ħafna.

* * *

Ingħaddu issa biex nitchellmu ftit fuk Floresville scond dac li jgħarrafna il «*Floresville Chronicle*» ta' hemm stess li ħareġ f'Settembru ta's-sena l'-oħra.

Floresville hi belt f'il Wilson County li hi ŭaħda m'ittaksimiet ta'n-naħħa t'isfel ta't-Texas, ŭaħda m'il Istati Uniti. Il clima hu ftit actar sħun f'is-sajf u ftit actar chiesaħ f'ixxitŭa minn dac ta' Malta iżda cull malti li jmur hemm jidra malajr u għandu jsib ruħu tajjeb ħafna.

Li il clima jakbel ma' tagħna hi ħaġa ta' gid cbir m'hux biss għ'as-saħħa iżda ucoll għall cummerċ għaliex l-art tati l-istess għelejjel li tati tagħna u għalhecc il bdieŭa tagħna li jmorru hemm ijsibu jaħdmu l-istess raba bħal dac li mdorrijin jaħdmu haŭn u għalhecc jifhmu fih u jistgħu jakilgħu il flus minnu. U dana il clima ta' hemm hu tant tajjeb li r'San' Antonio li hi il capitali ta't-Taxas, u ftit bogħod minn Floresville, l-aħjar nies għonja ta'l pajjisi ta' Fuk jinżlu jkattgħu ix-xitŭa biex jaħirbu m'il bart u il chesħa ta' pajjishom. Floresville ma' iż-żmien għad tcun hecc ucoll.

* * *

Il Contea Wilson (li fiha chif għidna tinsab Floresville) hi cbira 501,312 *acres* (cull *acre* tliet t-itmien u nofs) jeŭ 783 m'il quadru: xi tmien darbiet acbar minn Malta; iżda ma' dŭarha hemm il Contei l-oħra ta' Atascona, Guadalupe, Gonzales, Karnes u Bexar li fihom ucoll collha raba m'il aħjar. Il pajjis hu minn 400 sa 600 pied il fuk minn ŭiċċ il baħar igifieri li mdorrijin inghixu fih aħna billi ma fihx muntanji. Hemm żeŭġ xmajjar cbar is-Sant' Antonio u iċ-Cibolo li b'il friegħi tagħhom ijxebbgħu bl-ilma cullimchien. Ix-xmajjar Guadalupe u Atascona ijgħinu ucoll it-tiskija b'il friegħi tagħhom.

* * *

L-eŭŭel nies li marru jgħammru hemm chienu Americani. It-Tedeschi, il Bohemi u il Pollacchi jħobbu jmorru hemm u ħafna minnhom stagħneŭ ġmielhom. Floresville hi l-acbar belt ta'l Contea u tlaħħak xi elfejn ruħ, ŭarajha tigi Stockdale b'xi elf, u ŭara dina tigi Lavernia b'xi sitt mija. Manifatturi għad ma hemmx u cullħadd għadu tista tgħid ijgħix m'il ħidma ta'r-raba. Fabbrica hemm ŭaħda biss ta'l madum biex jibnu id-djar biħ.

* * *

Vapuri-ta'l-art biex ŭieħed ijġorr l-għelejjel hemm ħafna għaliex ma hemm l-ebda loc f'il Contea collha li hu actar minn tlittax il mil bogħod m'il eŭŭel vapur-ta'l-art. Hemm bejn Floresville u Sant'Antonio, li chif għidna hi il capitali u li fiha issib il cumditajjiet ta' collox, biss il bogħod ta' tlietin mil ferrovija u għalhecc f'nofs siegħa tasal f'il ŭisa. Għal portijiet hemm il cumditajjiet collha biex ŭieħed jibgħat l-għelejjel billi hemm bosta ferroviji.

* * *

Ix-xita tlaħħak tnejn u tlietin pulzier f'is-sena, igifieri hemm mnejn ixxabba l-art seŭŭa. L-actar li jinżara hu il koton lt minnu kiegħed jimbiegħ ħafna. Il kamħ li jicber jittiechel actarx f'il pajjis billi għad ma hemmx min jiżra ħafna minnu. Jinżergħu ucoll il prinjoli, il piselli, il patata ħelŭa, il ħaŭħ u il angas u xi ħxejjex għal l-animali biex jagħilfuhom. Xi ħxejjex ta'l ccina bdeŭ jiżirgħuhom ucoll għad li b'il ftit.

* * *

M'il pajjis m'hux actar m'il ħamsa ŭaħda għad hemm maħduma igifieri f'Wilson County biss għad hemm ma'l erba mitt elf *acre* li għadhom jistenneŭ min jiġi jaħdimhom. Dac ir-raba li ġa inħadem minn bosta snin għadu ma ŭeriex li beda jegħja billi għal l-eluf u eluf ta' snin kabel minn mindu inħalket id-dinja il gid li hemm maħżun ġo fih għadu ma redgħu ħadd. Mela cull min ijmur ijsib mnejn jagħżel raba tajjeb u fejn ijrid u billi hemm ħafna għadu irħis ŭisk għaliex bl-ukija it-tomna issib tixtri raba tajjeb imħejji biex għalchemm tonkxu b'il moħriet u tiżra fih. It-tidmil ta'r-raba għadhom ma jafux seŭŭa x'inhu għaliex għad ma hemmx bżonnu u dana hu gid cbir għall bidŭi għaliex jiffrancalu flus u tbatija.

* * *

In-nies li jaħdmu l-art b'ix-xahar ma ħaddieħor huma actarx tedeschi jeŭ messicani. Hemm xi sŭed ucoll. In-nisa u it-tfal jaħdmu bħar'-rgiel. It-tedeschi malli jfaddlu ftit flus jixtru ir-raba u jarmaŭ għa'r-rashom. *(Jissocta.)*


BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeŭ ħŭejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min daŭna il-lingŭi għal Malti, morru fil SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'innumru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu moħdija seŭŭa ŭisk u bi prezzijiet m'il orħos.**

## FRAC.

Lil daûc l-imsieħbin collha li sa 'l-lum kaŭŭeŭlna kalbna f'it-triek jebsa tagħna billi m'hux biss bakgħu imsieħba iżda ucoll billi ħallsuna minngħajr taħbit u spejjes nixtiekulhom sena ġdida mimlija b'cull risk u ħena. Lil l-oħrajn li ilhom ijħabbtuna ħatna biex ijħallsu dic il ħaġa tant żgħira għalihom iżda li għalina miġburin flimchien jagħmlu dic is-somma cbira li tinħtieġ biex inħallsu ġurnal b'tant spejjes nitolbuhom li ma jatunjex id-dispjacir li nimxu magħhom b'il Korti għad li jakblilna u bħal ma nagħmlu sgur ma tul din is-sena. In-«Naħla» hi imxerrda b'iż-żejjed bl-imseħbin li jħallsu li għandha u għalhecc imsieħbin ta'l isem biss ma għandniex bżonn.

★

Nitolbu b'il kalb għa'r-ruħ ta' **Dun Ġorġ Farrugia** ta' Ħa'ż-Żabbar, sacerdot tŭajjeb ħafna u li chien għal għamilu maħbub minn cullhadd, Alla jatiħ il mistriħ ta' dejjem.

★

Il Professur u Commendatur Capuana siefer nhar it-Tlieta f'il għaxija ma'l *Enna,* u ħareġ cuntent ħafna b'il lakgħa saħiħa li saritlu chif chien ħakku.


# TEATRU MANOEL

## L-EUUEL TAS-SENA

IL HADD 1 TA JANNAR 1911

FIT-8 U NOFS TA FILGHAXIJA

Il Cumpannija Maltija " **L'INDIPENDENZA** " mitluba ser targia tati il famusa OPERETTA bi 3 atti

# GHEJSHA

Musica ta Sidney Jones

PERSONAGGI

| | | |
|---|---|---|
| Il Marchis Imari, cap tal Pulizia u Gvernatur f'pajjis tal Giapan | | P. Saliba |
| Takamini, impiegat ma! Marchis | | G. Cassar |
| Katana, Captan Giapponis | | T. Borg |
| Wun-Hi, Cinis fid-dar tat-tò | | L. Bartolo |
| O Mimosa San, Geisha | | P. V. Spiteri |
| Reginald Fairfax | Ufficiali fuk il biccia tal guerra «The Turtle | C. Izzo |
| Dick Cunningħam | | Giov. Caruana |
| Arthur Cuddy | | Gof. Caruana |
| John Smith | | P. Vassallo |
| George Grimston | | P. Abela |
| Tommy Stanley | | G. Abela |
| Miss Molly Seamore | Sinjurini inglizi ked izuru il Giapan | M. Grixti |
| Lady Constance Wynne | | L. Longobardo |
| Juliette Diamant, francisa | | A. Miller |

Geisha—Giappunisi—Suldati—etc. etc.

IL FATT JIGRI F'UAHDA MIL BLIEL TAL GIAPAN

Direttur ta l'orchestra, is-SURMAST Cav: A. P. HARE

Xenarju, vestiariu u attrezzi giodda

— **PREZZIJET** —

| | | | |
|---|---|---|---|
| Palchi prim'ordni-cbar | 15sc. | Palchi terz'ordni-cbar | 6sc. |
| „ „ „ l'oħra | 12sc. | „ „ „ l'oħra | 5sc. |
| Palchi Parterre | 15sc. | Platea | 2se. |
| Palchi second'ordni-cbar | 10sc. | | |
| „ „ „ l'oħra | 8sc. | Galleria | 6d. |


LIL PROFESSUR

# TEMI ZAMMIT

CURATUR TA'L MUSEŬ

META SAB F'MALTA L'EŬŬEL KABAR

TA' KABEL IL FENICI.

---

Sengħti nfejjak. Nħoll, indeŭŭeb,
Nsaffi, ngħakkad, nduk u ntiegħem.
Sengħti nghallem daŭn il ħŭejjeġ
U oħrajn bħalhom ŭcoll infiehem.

Ŭara sigħa jeŭ tnejn nitlak
U l'Ufficciu nmur dritt dritt ;
Hecc chif nasal jibda 'x-xogħol,
Xogħol jiebes u li jchidd.

Butir, dkik, cunfett u zoccor,
Ilma, żejt, ħalib, inbid,
Cullma jakbdu, cullma jgibu,
Collox juru... lil Zammit.

Taħt il ħgieġa 'l cabbarija
Klajt għajnejja biex insib
'D-dud tal mard jeŭ *micrococcu*
Dac li jnigges il ħalib.

Il ħalib li jgib id-deni
Chif għallimna David Bruce ;
Biex nekirdu dan id-deni
Sejrin nonfku ħafna flus.

Iżda moħħi dlonc ijberren
Fuk il ħŭejjeġ li għaddeŭ,
Lejl u nhar m'iniex ħlief naħseb
Chif insebbaħ il Museŭ.

Dana l'aħħar fejn Bukana
Kabar sibt ta'l Eŭlenin
Li f'in-nogħra chienu jidfnu
B'kima cbira lil mejtin.

It-tinkix li chien ijżejjen
Ix-xakkuf li sibt hemm geŭŭ
F'dac l'eŭlieni żmien faccarni
Meta b'gebel cbir inbneŭ

Il Ġgantija u Ħaġar Kim,
U li Mnajdra u 'x-Xeŭchija ;
U faccarni f'Ħal Saflieni
U f'Cordin u f'il Baħrija.

Hecc ftit ftit kegħdin nitgħallmu
X'chienu l'eŭŭel nies Maltin ;
Meta ŭaslu haŭn, mnejn telku
U minn fejn chienu mnisslin.

N. T.

M'il Mosta, f'it-22 ta Dicembru,
ta'l 1910.

# L-"ERNANI."

Din hi ŭaħda m'il isbaħ opri ta' Verdi fuk librett ta' F. M. Piave imkassam f'erba bcejjeċ.

Il PERSUNAĠGI huma :

ERNANI, l-Imtarraf (*Tenur*), DON CARLO, Sultan ta Spanja (*Baritonu*), DON RUY GOMEZ DE SILVA, ŭieħed mi'l cbarat ta' Spanja (*Baxx*), ELVIRA, in-neputija tiegħu u għarusa (*Primadonna*), GIOVANNA, il camriera tagħha (*Primadonna*), u DON RICCARDO u JAGO, daŭc li jżommu iż-żŭiemel ta's-Sultan u ta' Ruy Gomez. Barra minn daŭn jidhru ucoll hafna dami, cbarat, suldati, imtarrfin u x'naf jien.

Il FATT ġara għal ħabta ta'l 1519 u l-eŭŭel taksima ġrat f'il muntanji ta'l Aragona u f'il Castell ta' De Silva. It-tieni fl-istess Castell. It-tielet f'Aquisgrana u ir-raba f'Saragozza, beit ta' Spanja.

## L-EŬŬEL TAKSIMA.

*Ix-Xena turi il muntanji ta' Aragona b'il Castell ta' De Silva f'il ħin li tcun kiegħda tgħib ix-xemx.*

Jidhru xi nies ta'l muntanja u bosta imtarrfin jilagħbu, jgħannu u jħejju l-armi, f'il ħin li jersak Ernani u jgħidilhom li hu ħabb xbejba aragunisa iżda li Silva ħadhielu taħt idejh biex jiżżeŭŭigħa; u li jecc dina ma jieħodhiex hu sgur li jekred ħajjtu u ma jaraŭhx aktar. Daŭna jgħidulu li chienu imħejjija biex ijmorru miegħu f'il Castell ta' Silva u jisirkuhielu u hecc għamlu. Meta daħal il lejl Elvira tinstama tcanta li tixtiek li Silva ma jigix actar f'il Castell u li f'locu jasal Ernani biex jisrakha. Elvira tgħid: *Ernani!... Ernani, involami—All'abborrito amplesso,—Fuggiam... se teco vivere—Mi sia d'amor concesso—Per antri e lande inospiti—Ti seguirà il mio piè.—Un Eden di delizia—Saran quegli antri a me.*

Haŭn jidħlu id-damigelli u jgibulha ħafna rigali ta't-tieġ li chien xtralha ix-xŭejjaħ Silva billi l-agħda chellu jiżżeŭŭeġ magħha. Iżda Elvira xejn ma ferħet bihom għaliex hi chienet kiegħda tistenna minn ŭakt għal l-ieħor li jasal Ernani biex jisrakha.

Haŭn jidher Don Carlo, is-Sultan ta' Spanja, li intilef ŭara is-sbejjħa Elvira iżda hi ma tridx tatih ŭiden billi tħobb lil brigant Ernani. Għal hecc bagħat ijsejjħilha kuddiemu biex jara jecc tgħidx iva u jcanta: *Da quel dì che t'ho veduta—Bella come un primo amore,—La mia pace fu perduta,—Tuo fu il palpito del core,* u jmidd idu fukha. Elvira taħtarlu l-istallett minn ħżiemu u tgħidlu li jecc ma jħallihiex tinfdu bih u ŭara tinkatel hi ucoll. Is-Sultan Carlu jsejjaħ il ta' ma' dŭaru biex jakbduha ħalli jagħmilha tiegħu iżda f'lochom ijfeġġ f'nofshom Ernani b'in-nies tiegħu. Is-Sultan Carlo jhiddeb lil Ernani li jmur għall xogħlu jecc ma jridx ijħalli ħajjtu, iżda Ernani jisfidah għa'd-dŭell billi chien jobogħdu tasseŭ għall ħsara cbira li chien għamel lilu u l'in-niesu. Elvira tidħol ġo nofshom bl-istallett f'idha u tgħidilhom li jecc jitkabdu imħabba fiha hi tinfid kalbha u tinfirex mejjta f'riglejhom.

Haŭn jidħol Silva b'il Cavalieri u id-dami; Elvira taħbi l-istallett malajr, Silva jisħon contra Ernani u is-Sultan Carlo u jcheċċihom u jrid jaħbat għalihom. Iżda meta jintebaħ li ŭieħed minnhom hu is-Sultan tiegħu stess ijniżżel il għalla f'il ħin li Elvira taħlef minn taħt ilsien lil Ernani li hi tcun tiegħu biss u li jecc le tinfed kalbha b'dac l-istallett li chellha fukha. Is-Sultan Carlo jsalva minn hemm geŭ lil Ernani għad li dana jobogħdu għal meŭt talli keridlu il missieru, u jitlob lil Silva biex ijgħammar għal ftit żmien f'il Castell tiegħu. Silva jifraħ bla tarf għal dana l-unur hecc cbir iżda Elvira hi imnictta għaliex hi tixtiek biss li issib ruħha imgħannka fi ħdan il brigant Ernani.

## IT-TIENI TAKSIMA.

*Tidher is-sala ta' Silva b'id-damigelli u il cavalieri li jcantaŭ ferħana għax ŭasal it-tieġ tiegħu ma' Elvira.*

Jidħol Ernani liebes ta' pellegrin u jitlob lil Silva li jistchennu. Dan jilkgħu. F'il hin tidher Elvira liebsa għa't-tieġ u meta Ernani jisma li sa siegħa oħra tcun mart Silva jintilef, jiri min hu u joffrilu rasu b'rigal għa't-tieġ. Iżda Silva kallu li sa chemm chien f'daru ma jilagħbux u ma jitilkux f'idejn is-Sultan Carlo biex joktlu. X'ħin joħroġ Silva Elvira tersak tchellem lil Ernani billi chienu kalulha li chienu katluh. Dan sahan contra tagħha talli chienet sejjra ittejjeġ ma' Silva iżda hi kaltlu li chien bi ħsiebha titla fuk l-artal biss biex tinfed hemm kalbha imħabba fih bl-istallett li chellha. Ernani jitlobha maħfra u jitgħannku flimchien mitlufa f'imħabba cbira. Silva jakbadhom u jinxteħet fukhom bl-istallett f'idu, iżda Jago jgħidlu li ŭasal is-Sultan Carlo b'in-nies tiegħu u għalhecc dana jmur jilkgħu. Ernani jistaħba ŭara ŭieħed m'il qŭadri ta's-sala u Elvira tidħol f'is-sala tagħha. Is-Sultan Carlo jgħid lil Silva li Ernani jinsab moħbi għandu u jridu għaliex jecc ma jieħux miegħu ras dana jieħu ras Silva, iżda Silva jgħidlu li la intreħa f'idejh ma għandux jilagħbu. Is-Sultan Carlo jisbel u jgegħilhom ijneżżgħuh ix-xabla u jfittxu cullimchien biex ijsibu il moħbi Ernani. Elvira toħroġ u titlob ħniena l'is-Sultan Carlo, iżda dana jgħid lil Silva li chien sejjer ijżomm għalih dic ix-xbejba sa chemm jatih fl-idejh l-Ernani. Iżda Silva, għad li talbu biex ma jieħodlux il dic li chienet il faraġ ta' xjuħitu, ma kallux fejn chien jinsab moħbi Ernani. Is-Sultan Carlo jdur fuk Elvira u jcanta:— « *Vieni meco, sol di rose—Intrecciar ti vo la vita;—Meco vieni, ore penose—Per te il tempo non avrà.—Tergi il pianto, o giovinetta—Dalla guancia scolorita;—Pensa al gaudio che t'aspetta,—Che felice ti farà,* u joħroġ biha ma' Giovanna u b'il Cavalieri tiegħu.

Haŭn Silva jmur joħroġ lil Ernani mnejn chien moħbi biex jiddŭella miegħu ħalli joktlu, iżda Ernani jfiehmu li is-Sultan chien mitluf ŭara Elvira u għalhecc ħadhielu u li kabel ijmut xtak li jmur miegħu ħalli jitħallsu flimchien m'is-Sultan talli ħadilhom il maħbuba ta' kalbhom Elvira. Silva meta sama dan intilef bla tarf contra is-Sultan u ħalef ma' Ernani li għandhom jitħallsu bl-icreħ minn dac il chiefer, u ħarġu biex ijfittxuh.

## IT-TIELET TAKSIMA.

*Ix-xena turi il catacombi f'Aquisgrana fejn hemm il kabar ta'l Imperatur Carlu Manju.*

Is-Sultan Carlo jinżel jistaħba hemm isfel billi Riccardo kallu li chienu kiegħdin jiftiehmu biex joktluh u talbu jniżżillu hemm miegħu l-Elvira. F'il ħin ijcanta: « *Gran Dio! costor sui sepolcrali marmi—Affilano il pugnal per trucidarmi!—Scettri!... dovizie!... onori!...—bellezza!... gioventù!... che siete voi?—Cimbe natanti sopra il mar degli anni,—Cui l'onda batte d'incessanti affanni,—Finchè giunte allo scoglio della tomba—Con voi nel nulla il nome vostro piomba.—Oh! de' verdi anni miei—Sogni e bugiarde larve,—Se troppo vi credei—L'incanto ora disparve.—S'ora chiamato sono—Al più sublime trono:—Della virtù com'aquila—Su'vanni m'alzerò,—E vincitor de' secoli—Il nome mio farò,* u jidħol ġo'l monument ta' Carlu Manju.

Haŭn jidħlu Silva, Ernani, Jago u l-oħrajn li chellhom joktlu l'is-Sultan Carlo. Jictbu isimhom fuk tavlozza cull ŭieħed u jit-

ighuhom f'kabar li chien hemm miftuh; jerfghu uahda u ix-xorti tmiss lil Ernani biex joktol l'is-Sultan Carlo Silva jitolbu biex joktlu f'locu izda Ernani ma jridx halli jithallas minnu talli katillu il missieru. Il coll chit chienu migbura jahilfu imghannkin li ghandhom ijcarcru demmhom sa l-ankas katra biex jehilsu pajjishom minn dac is-Sultan ahrax.

F'il hin jinstemghu tliet sparaturi ta' canun biex ijhabbru li dac is-Sultan Carlu li riedu joktlu chien lahak hu Imperatur. Ghal hecc dana malli semaghhom fetah il bieb ta'l monument fejn chien u tegg kuddiemhom fuk il ghatba. Dauc jibkghu mistaghgba ghaliex jahsbu li Carlu Manju kam m'ill meut izda hu jghidilhom li sama collox u li hu chien biss l-Imperatur il gdid. Hain jidhlu il cavalieri u id-damigelli b'Elvira biex ijhabbrulu il ghazla tieghu u biex ijneuulu ix-xettru u il curuna. Is-Sultan Carlo jcun sejjer jati il meut jeu jitfa f'il habs il dauc li chienu kieghdin ijxeuuxu contra tieghu u fosthom lill Ernani, izda Elvira titlob mahfra ghalihom u taklaghha. Haun jibda il final famus ta't-tielet att billi is-Sultan Carlo jcanta x'hin ijdur lejn il monument ta' Carlu Manju :—

« *O sommo Carlo, più del tuo nome—Le tue vertudi aver vogl'io.—Sarò, lo giuro a te ed a Dio,—delle tue gesta emulator—Perdono a tutti* u f'il hin ijressak l-Elvira f'idejn Ernani u jghidilhom *Sposi voi siete, v'amate ognor—A Carlo Magno; sia gloria e onor*, u cullhadd ijfahhar lil dana il cbir Imperatur f'il hin li ix-xuejjah Silva meta jara li Elvira uakghet f'idejn Ernani u hu baka b'xiber imnieher u lankas biss thallas minn dac is-Sultan Carlo li hadlu il mahbuba ta' kalbu jitlak fgat f'demmu u jheuden chif ghandu jithallas.

IR-RABA TAKSIMA.

*Ix-xena turina it-terrazzin f'al Palazz ta' Ernani li chien Dun Guann d'Aragona ta' Saragozza.*

Jinstama id-dakk ta's-sfin u id-dahk ta' ferh gha't-tieg ta' Ernani ma' Elvira, izda kalb dauc il hafna nies ferhana jiegg mascarat liebes b'dominò isued li chien donnu mignun, mitluf b'il killa kieghed ijfittex il xi hadd. Uara jinzel f'il gnien u jistahba. Meta spicca id-dakk collu u intfeu id-dual Ernani hareg fuk it-terrazzin ma' Elvira kabel ma dahlu f'il camra ta't-tieg taghhom, izda f'il hin li jcunu mitlufin f'imhabba l-actar cbira u helua jinstama id-dakk ta' cornu ta'l cacca riesak lejhom. Ernani jilbet billi chien ta lil Silva dac il cornu zmien kabel u kallu li malli jdokku Ernani chellu hin bla uakt jislet l-istallett minn hziemu u joktol ruhu b'idejh. Elvira tarah jithauuad izda ma fehmetx ghala Ernani jitlobha tituarrab ftit biex iggiblu ftit duua ghaliex chien kieghed ijhossu hazin u Silva jersak fuku u jghidlu :—

«*Ecco il pegno: nel momento*
*In che Ernani vorrai spento,*
*Se uno squillo intenderà*
*Tosto Ernani morirà.*

Ernani jghidlu li minn tfulitu ma garrabx hlief ghali u ma xorobx hliet mrar u ghalhecc talbu biex ijhallih ijduk dic it-tazza ta'l imhabba issa li uakghet taht xuftejh. Silva juiegbu li hu gieblu it-tazza li chellu jduk izda mimlija b'is-semm (velenu). Ernani raha bi tkila uisk li ghandu jnehhi hajjtu b'idejh stess issa li chien sejjer jibda jkatta ma' Elvira dic il hajja ta' hena u imhabba li chien ilu tant zmien jithabat ghaliha u temtem hatna. Izda Silva insultah li ma chienx ragel ta' chelmtu u li chien jaghmel ghajb lill cbarat ta' Spanja li chien imnissel minnhom. Ernani uagga u kallu li chelmtu ma chienx sejjer jicsirha u li hu chellu il hila li jmut ta' ragel chif uieghed. Izda f'il hin li jakbad l-istallett biex jinfed bih sidru asal Elvira u izzommu; iddur fuk Silva u tghidlu bl-istallett f'idha li hi chienet taf tgherbu bih go'l kabar li chien ga miftuh ghalih, izda il hniena ta' kalha izzomha u titolbu mahfra gha't-tnejn. Silva jghidilha li hu ma jahfer katt u hi tuiegbu li ghad li jmut Ernani kalbha tibka ghal dejjem marbuta mieghu. Ernani jghidilha li ma tibchix kuddiemu ghaliex f'dac il uakt, biex jinfired minnha ghall chelmtu, chellu bzonn ta' setgha ta' kalb cbira. Haun Silva jarga jersak fuku u b'lehen li juahhax kailu :— « *Se uno squillo intenderà— Tosto Ernani morirà.*» Ernani juahhal l'istallett f kalbu u jinxtehet ghal mejjet. Elvira tinxtehet imbicchija fuku biex tiehodlu l-istallett halli tinkatel bih hi ucoll mieghu. Ernani jitlobha li tghix biex tibka thobbu u f'il hin li jcantau flimchien « *Per noi d'amore il talamo—Di morte fu l-altar.*» Silva jfakka dahka ta' vendetta harxa ghaliex thallas chif chien xtak.

# Il Kaddisin Maltin

(*Jissoctau minn numru ta' kabel*)

---

## PADRE MAESTRO SANTO GRECH

Il Servo di Dio ne ricevè l'annunzio con tutta tranquillità e per nulla turbato, si prostra, e bacia il terreno in segno di adorazione ai divini voleri; va alla cella, e presa la sola bisaccia in spalla, e bastoncello in mano a guisa di pellegrino, si mosse a piedi, e abbandonò la Patria senza dare un addio a parenti, nè congedarsi con amici. Già s'imbarcava l'uomo Santo sulla prima nave offertagli, ignaro di suo destino, ma sol tutto fiducioso in Dio, ed abbandonato nella braccia del buon Padre Gesù, quando la nave, che lo trasportava approdollo a Palermo. Appena qui sbarcato, s'avviò al primo convento che incontra, qual'è Santa Zita, anche a piedi come era partito, dove dimorò per qualche tempo. Qui per allora fu fatto Maestro dei Novizzi, ed esercitò quella carica con molta lode, e si attirò la fama di vero Santo. Quindi il Padre Baccelliere Fra Vin: Brancato sopra nominato uomo di somma accortezza e giudizio, e di singolare pietà, il chiese pel suo Convento di Ciminna Ed ecco il Grech come agnello mansueto partire un'altra volta da Palermo verso Ciminna a piedi ancora come era già partito da Malta; e si noti che qui ebbe a percorrere 24 miglia Siciliane. Così in fine fu veduto arrivare al Convento di Ciminna, luogo del suo destino. Sembra che in questo fatto rifulga egregiamente la sua pietà, il suo zelo, la sua umiltà, e la sua pronta obbedienza alle chiamate altrove del Signore, e la sua rassegnazione, ai divini voleri, la sua prudenza, e la sua somma pazienza.

4. Sappiamo dal medesimo sopra citato testimonio Lembo, per racconto fattogli dalla moglie Maltese, che era tanta la pietà di Santo verso il prossimo, e poverelli che sembra averla seco portata col nascere, poichè da fanciullo ancor tenero menato dall'Ajo a scuola, dovendo passar per la strada e casa di una povera vecchierella, mattina per mattina riempiva le saccocce di casarelle di pane, ed in passando entrava di furto in quella casetta, e le lasciava quel pane o altro, e ciò fece con più poveretti nella sua infanzia e gioventù, che poi perdurò in tutto il corso della sua vita sino alla morte. (*Jissoctau.*)

# IS-SAHHAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Hamid ũiegħbu għal collox b'il kalb biex ũara jcun jista jagħmillu xita oħra ta' mistoksijiet hu, u ũara li damu jitcheũċnu għa'l siegħa sħiħa Hamid sar jaf li De Saqueville chien tasseũ fl-aħħar b'id-dakka ta' stallett li kala, iżda b'il cura li għamlulu kaleb għa't-tajjeb, id-deni għoddu irħiħ għal collox u li malli jieħu ir-ruħ seũũa jdaũũar denbu għal Malta billi chellu ħafna ħũejjeġ ta' ħtieġa cbira x'jakdi u billi ħbiebu il Cavalieri ma chienu xejn minn għajru biex ijcunu jistgħu jaħmu aħjar contra it-tũajjeb La Cassiere.

Hamid iżżiħ ħajr b'kalbu collha u telak ijlebbet lejn Hal Għaxak biex ijfittex jati dic l-aħbar ġdida l'is-Sur Kalamias, u collu ferħan li jecc. De Saqueville ħeles m'il kattara ta'l istallett franciż chien ma jdumx ma jeħel f'il miżjeb ta'l killa tiegħu u ta' Ambroġ.

Is-Sur Kalamias xeja ma stagħgeb b'dic il bxara għaliex chien ilu jistiedinhielu il dac is-sensafidi li għall praspar coroħ tiegħu chien sgur jispiċċaha ħażin u lankas stagħgeb it-Tabib Xara li chien mar jara chif għadda ix-xũejjaħ ħabib tiegħu ũara il batticata ta'l caless chif chien ũiegħdu.

Hamid sabħom jithaddtu, b'telfa cbira, fuk żgħużithom b'ħas-soltu, u għalhecc meta ta l'is-Sur Kalamias l-aħbar ta's-Sinjura Smeralda sellem u ħareġ f'il bieb ta'l ħara.

—«Ke'd ingħidlec li il Gran Mastru D'Omedes chien cburi, xħiħ u chiefer daks dib,*» b'is-saħna collha chien kiegħed ijħambak it-Tabib Xara billi is-Sur Kalamias chien kallu li il Bosio fl-Istorja tiegħu ma fasslux hecc. «U biex laħak hu xejn ma chellu x'jakilgħu ħaġ'oħra hlief billi chien tilef għajn ũaħda fl-Assedju ta' Rodi» compla kal it-Tabib Xara imdaħdaħ u jitmasħan, «u li chiecu il Cavalieri Spanjoli» żied kal «ma ħaũũdux chemm felħu biex jitla ũieħed minn ta'l Lingũa tagħhom f'loc ũieħed franciż, chiecu il Capitlu Generali ta'l 20 ta' Ottubru 1536 ma ħatarx il dana il Balliju ta' Capse biex jaħchem l-Ordni fi żmienijiet hecc coroħ bħal daũn. »

—«Mela mur ara chemm feraħ meta taũh d'il bxara» kallu is-Sur Kalamias.

—«Le» ũiegħbu it-Tabib Xara «għaliex dana actar chien ijħobb il caċċa u il mistriħ milli jaħdem għal l-Ordni u għa'r-Reliġjon. U biex nuric ċar daks id-daũl ta'x-xemx li dac li kiegħed ingħidlec hu minnu naħseb li hu b'iż-żejjed li tcun taf li ma giex l-haũn hlief ũara ħmistax il xahar sħaħ. Taħt il ħacma tiegħu beda il għaũġ seũũa billi l-Imperatur Carlu Hamsa beda jakla fuk ũiċċu bla ħniena f'Susa, f'Monastir u fi bliet oħra ta'l Africa, għaliex il kalbieni Barbarossa għad li tilef Tunes rebaħ l-Algier b'il għajnuna ta' Soliman u ma ħalla katt ijgħaddi ũakt ũieħed biss bla ma nibex lil Mulej Assem li ma tantx chien ijħobb jokgħod jiġġieled u jitkatel. U m'hux imxabba b'dan Barbarossa chien dejjem inheũden chif dakka jaħbat għall bliet ta' Spanja u oħra għal daũc ta'l Italja u ma chienetx tista xini nisranija timraħ f'ũiċċ daũc l-ibħra li ma chienetx issib ruħha maħtufa taħt id-dũiefer chiefra ta'l Misilmin.»

—« U il Cavalieri ħalleũ issir d'il ħsara collha bla ma ittiefsu xejn ? » staksih Kalamias.

— « Le » ũiegħbu Xara. « Il Priur ta' Pisa Bottigella, ragel kalbieni ħafna u ta' ħila, meta ra hecc ftiehem ma'x-xũieni ta' Genũa li dic il ħabta chienu kaũũija ħafna, u b'il għajnuna tagħhom beda jcarcar f'il port tagħna ħafna prejjeż toroc. Għadni niftacar donnu il bieraħ meta f'is-sitta ta' Lulju ta'l 1536 Malta bi ħgarha ġriet għall Port il Cbir biex tara dieħel u tilka b'il ferħ lil kalbieni Bottigella li ũara ix-xini tiegħu chien kiegħed ijcarcar dic ta'l cursar chiefer Memì, rinnegat liparott, li chien b'ismu biss ijchexchex il cullħadd u biex jaraũ ucoll ix-xini ta'l kalbieni l-ieħor La Vallette li chienet kiegħda tirmonca ũarajha dic ta'r-Rajjes Valì. Int ma tiftacarx f'dan ? »

— « Le » ũiegħbu is-Sur Kalamias «għaliex dic il ħabta cont mort inkatta xi ftit xhur Serkuża għand xi ħbieb tiegħi billi chien haũn tiġri ix-xniha seũũa li it-Toroc chellhom jaħbtu bl-aħrax għal Malta u għalhecc kiegħed noħla nisimgħec tithaddet fuk il ġrajja ta' dic il ħabta għaliex ftit nafhom seũũa. »

—«Mela incompli ingħidhomloc b'il kalb collha.» tenna Xara «Ũara il ferħ ta' dic il festa il Maltin chellhom ftit ġranet ũara festa oħra li għaliha biss min ma satax jitkankal ma marx,—it-tgħallik ta' daũna il cursari li minn insara chienu ċaħdu dinhom biex saru musulmani. Il daũna sensluhom fuk il Ponta ta'l Foroc, fejn il-lum hemm ir-Ricasoli, fost torturi cbar minn naħħa il ũaħda u'l għajat ta'l poplu m'il oħra li f'daũc iż-żmienijiet ħorox actar m'il-lum ma chien iżjed jara chiefrija ũisk actar chien jixxala u joħroġ ħieni. Ftit ġmiegħi ũara għallku ucoll fuk l-istess Ponta lil cursar malti Ganga Rossa, li chien kaleb musulman u għamel lill insara ħsara cbira ũisk. Lil daũna ħalleħhom għal żmien twil imdendla minn siekhom u mogħtija iż-żift biex jibkgħu b'turija għal cull min chien jidħol jew joħroġ m'il Port.»

—«Mela sũielu tasseũ lill-Ordni il General ta'x-Xũieni Bottigella ! » kallu Kalamias.

—« Iva » ũiegħbu Xara «iżda għal żmien kasir għaliex billi Gran Mastru f'loc D'Omedes chien ħakku jsir hu, meta sama li beżkuh barra żdinga u baka sa reħa għal collox biex f'locu sar General ta'x-Xũieni il Priur ta' Capua, Leone Strozzi li chien jigi neputi ta'l Papa Clement Sebgħa u f'il krib minn Catarin de' Medici, regina ta' Franza.»

—« U Strozzi chif mar ?» staksa is-Sur Kalamias.

—«M'hux ħażin żejjed» ũiegħbu it-Tabib Xara «għaliex chien bniedem kaibieni daks fart ucoll. Iżda billi ma chienx ijgħaddi jum ũieħed biss li il Cavalieri Spanjoli ma chienux jitkabdu ma'l Cavalieri Franciżi u billi lil l-Università D'Omedes chien għoddu neżżagħha m'il privileġġi tagħha collha u il poplu chien dejjem imxeũũex ix-xũieni ma tantx chienu jissograũ ijmorru ũisk f'il bogħod.»

—« U l-Imperatur ma ražžnux ?» staksa imdaħdaħ Kalamias.

(*Jissocta*)

* *Lupu.*

# LOGHOB.

Tifsira ta'x-Xarada ta'n-numru ta' kabel : —

XI-FA.

## SNIEN ! SNIEN ! SNIEN !

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seũũa seũ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeũ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ũara nofs inhar dejjem id-dar.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R=ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.


# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
**JINBIEGH 1/8 & 1/10 IR-RATAL**
GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

## IPPURIFICAU

## BIDDLU

## u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Çumbo** ta' Strada Rjali, 26 Il Belt.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

---

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqûida) sab chif minn dina l-arja liqûida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

---



Min hu marid bi-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûħ fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAÛĦ GĦALIEX MA JIBDIELCOMX !**

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.